# BALLATA

Ta' Marju Agius *(Pacificus)*

Jafha Rdum l-Imġarr tal-Gżira:
Ġrajja mqita f'waqt ta' hemm
Li fih Malta sabet ruħha:
Ġrajja wkoll b'tixrid ta' demm.

*  *  *

Dehru 'l bogħod mas-sebħ it-Torok,
Bdew imbagħad neżlin kotrana
Minn ġox-xwieni, f'kemm-il-daħla,
U l-Maltin ġos-swar beżgħana.

Ġo l-Imdina ġrew ta' rħula,
Kulħadd thejja għalenija
Għat-taqbid ma' tul Assedju
B'tama kbira u qalb qawwija.

Sar taqbid fil-Port, f'Sant'Jiermu,
Fil-fortizzi ta' l-ibliet:
Kullimkien mejtin, midruba,
U bid-dmija l-art imtliet.

M'hux kulħadd l-Imdina tela'
Wara-swar kbar u qawwija:
Xebba baqgħet ma' nisa oħra
Ġewwa Rdum l-Imġarr moħbija.

Xterdu wkoll xi Torok ħorox
Ġo l-irħula jagħmlu l-ħsara:
Fejn jisirqu, fejn iħarbtu,
Jew jaħarqu bl-akbar ħrara.

Tork, fih raġel, fuq iż-żiemel
Sab lix-xbejba ġewwa Rdum
"Imxi miegħi," qalilha f'telfa.
"Għar għalik jekk int iddum."

B'ħeffa tella' fuq iż-żiemel
Lill-imsejkna xbejba tagħna:
Qal it-Tork: "Hawn ħoss ta' ġiri"
"Ġej xi ħadd jeħodha magħna"

Kien ġej Pawlu, Malti qlubi,
Żagħżugħ twajjeb, b'qalb ħanina:
Għal ġlied ħareġ kontra t-Torok
Ma' oħrajn minn ġo l-Imdina.

It-Tork rikeb b'ħeffa kbira
Harab b'Rożi mħaddna miegħu,
Pawlu lemaħ lit-Tork sejjer
Ġera wrajh bid-debba tiegħu.

It-Tork beża' li jintlaħaq:
B'sejf lil Rożi niffed f'qalbha,
Fl-art telaqha b'herra kbira,
Laħqet qalet biss xi talba.

Pawlu ħa fl-Irdum lil Rożi
Fost xi nisa, imbikkija,
Wara mar l-Imdina jħabbar
Din il-ġrajja ta' kefrija.

*　　　*　　　*

Jafha Rdum l-Imġarr dil-ġrajja
Għanja mqita b'ebda ferħ:
Ftit jafuha, ftit igħannuha,
Ġrajja ssib fid-dinugħ is-serħ!